MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Numru. 836/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MELVYN CAMILLERI**
**VS**
**Imputata minuri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata omissis ta' omissis, bint omissis, mwieleda omissis, u residenti gewwa omissis u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru omissis.

U billi hija akkuzata talli:
F'Ta'Xbiex u/jew fi bnadi ohra f'Malta, nhar id-29 ta'Lulju 2010 ghall-habta tal-22.00pm, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjet jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta'prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

U aktar talli fl-istess data, hin u lokalitajiet kisret il-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probation moghtija lilha f'sentenza ta-Qorti tal-Magistrati ppreseduta mill-Magistrat Dr.D.Clarke, datata 27 ta'Mejju 2009 u kkonfermata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mis-STO Imhallef Vincent DeGaetano datata 21 ta'Jannar 2010.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista ssib htija fl- imputata;

Rat il-verbal tat-3 t'April 2012 fejn l-imputata ma ssibx ogezzjoni li tigi gudikata minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Il-prosekuzzjoni  rnexxielha tipprova l-akkuza ta'tlajjar bi skop ta'prostituzzjoni migjuba kontra l-imputata li ghadha minorenni.

Dan qieghed jinghad il-ghaliex il-prosekuzjoni irnexxielha tilhaq il-livell probatorju li tirrikjedi permezz tax- xhieda tal-Ispettur Melvyn Camilleri u b'mod specjali ghax-xhieda tas-Surgent PC656 Adrian Lia (vide fol 15 et seq.)

F'din ix-xhieda PS li xhed illi l-Pulizija kienu qeghdin jaghmlu *patrol* fid-29 ta'Lulju fil-Gzira ghal-tfajliet u nisa li kienu qeghdin jitlajjaw bi skop ta'prostituzzjoni u ghall-habta tal-10:00hrs ta' filghaxija f'Garden Street Gzira

sabu lill-imputata. PS Lia xhed illi wara li giet mitkellma mill-Pulizija, l-imputat omissis ammettiet illi kienet qedgha il-Gzira ghal-prostituzzjoni izda kienet ghadha m'ghamlitx klijenti. Fil-*handbag* taghha gew misjuba u elevati *condom* u ghaxar Ewro (€10). Omissis minuri semmiet illi hija kienet tiehu hamsin Ewro (50)kull klijent , mitt Ewro (100)jekk tmur go flat mal-klijent , u mija u hamsin Ewro (150) jekk tmur fuq yatch. Illi l-istqarrija taghha DOK AL a fol 18, hija ukoll f'dan is-sens fejn l-imputata ghamlet ammisjoni piena ta' it-tlajjar taghha bi skop ta'prostituzzjoni ghalkemm kienet ghandha ma hadmet ebda klijent.

Illi l-Artikolu 7(2) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta'Malta jikkontempla it-tlajjar bi skopijiet ta'prostituzzjoni bhala reat minghajr ma jehtieg prova ta' prostituzzjoni effettiva.

Illi ghal dawn il-mottivi il-Qorti hija tal-fehma li tissussisti l-ewwel akkuza fil-konfront tal-imputata.

Illi fil-mori tal-kawza l-ufficjal Prosekutiv irtira it-tieni akkuza minhabba li imputata minuri kienet diga giet gudikata fuq il-ksur tal-probation indikat fl-akkuza minn Qorti tal-Magistrati diversament preseduta.

Illi fil-mori tal-kawza din il-Qorti, iz-zewg Probation Officers fosthom Marianne Zammit u Dr Peter Fenech ghamlu hilithom sabiex l-imputata tithol u tikkompleta programm ta' rijabilitazzjoni kontra id-droga u sabiex tattendi terapiji biex tizganca ruhha mic-cirku ta'prostituzzjoni. Illi irrizulta pero illi minkejja id-diversi tentattivi u minkejja illi omissis minuri ghamlet xi hames xhur fi program residenzjali hija spiccat biex harget mill-programm. Hija baqghet tishaq sal-mument li inghatat din is-sentenza illi ma riedet bl'ebda mod tidhol programm ta'rijabilitazzjoni kontra droga taht *Treatment Order* bhala parti mis-sentenza jew li tidhol go *sheltered accommodation*.

Il-Qorti taghraf illi l-imputata tinsab f'posizzjoni difficli bhala *vulnerable witness* f'almenu f'zewg proceduri kriminali.

Illi fid-data illi inghatat din is-sentenza l-imputata dehret il-Qorti wiccha kollu imbengel u bi *black eye* insegwitu ta'xebgha li allegatament qalghat minhabba ic-cirkustanzi tal-vizzju li hakimha.

Illi ghal dawn il-mottivi u in vista tal-antecedenti tal-imputata, ssib l-imputata hatja tal-ewwel akkuza u wara li rat Artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 7 (2) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna l-imputat ghal xahrejn prigunerija.  Ghal rigward tat-tieni akkuza in vista tal-verbal tal-prosekuzzjoni  tiddikjara il-procediment ezawrit.

Il-Qorti tordna li kopja ta'din is-sentenza tintbaghat lil Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo ,lill-Assistant Kummissarju responsabbli ghall-Iskwadra Kontra il-Vizzji Michael Cassar, lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta'Kordin Abraham Zammit sabiex jiehdu dawk il-passi kollha li jidhrilhom  mehtiega ghal protezzjoni tal-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------